**14 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Luca Luigi sive Gino Miceli

*versus*

Ernest Gaffiero

## Proċedura b'libell – Nullità ta' Atti Ġudizzjarji

*Kawża dwar punt preliminari mqajjem mil-libellant li allega illi r-risposta ppreżentata mil-libellat kienet nulla għaliex ma ġietx noftifikata lil-libellat.*

*Il-Qorti kkonkludiet illi n-nuqqas ta' ħlas tan-notfika tar-risposta ma twassalx għan-nullità tar-risposta. In kwantu il-libellat ma ġiex ippreġudikat b'mod li tali preġudizzju jista' biss jiġi rrimedjat bl-annullament tar-risposta, il-Qorti ma sabitx li kien hemm nullità u b'hekk ċaħdet it-talba għal tali annullament tar-risposta tal-libellant.*

Il-Qorti: – Rat il-Libell fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-3 ta' April, 1989 li bih il-libellant espona:

1. Illi l-libellanti silef lil-libellat is-somma ta' tnejn u sebgħin lira sterlina (£72,000) li kellhom jiġu rifużi fi żmien ħmistax-il xahar mill-15 ta' Mejju 1987. Il-libellat kellu jħallas l-interessi u spejjeż bankarji li l-libellanti kellu jsofri sabiex ipprokura mingħand il-bank tiegħu l-imsemmija somma jew garanzija ekwivalenti għall-istess somma. Kellu ukoll iħallas kummissjoni adegwata talli l-libellant ipprokuralu dan l-akkomodament;

2. Illi dan kollu sar billi l-libellat ħoloq storja li kellu bżonn dawn il-flus billi kien offert lilu li jipparteċipa fl-isfruttament ta' twaqqigħ u rikostruzzjoni ta' bini f'Londra, Ingilterra, li fl-istess operazzjoni huwa kien offert parteċipazzjoni ta' terz (⅓) minn ċertu Lee u ħaddieħor;

3. Illi llum wara riċerki li saru, ebda wieħed mill-elementi ta' fatt avvanzati mil-liberllat, ma rriżulta li għandu xi

konsistenza fir-realtà u dak kollu kien *mise-en-scene* – tal-libellat biex jinduċi lil-libellanti biex jipprokuralu l-flus u b'hekk l-esponenti spiċċa vittima tal-frodi tal-libellat u b'hekk sofra danni sostanzjali.

Għaldaqstant il-libellant – filwaqt li ġab il- malliverija rikjesta biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża, talab li din il-Qorti jogħġobha (a) tiddikjara li l-libellat iffroda lil-libellanti billi ngannah biex a bażi ta' *mise-en-scene* u falsitajiet konnessi magħha – huwa javvanzalu flus u b'hekk ikkawżalu danni; (b) tillikwida dawn id-danni u (ċ) tikkundanna lil-libellat li jħallas id-danni hekk likwidati favur u lil-libellant;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' impediment ta' partenza;

Rat ir-risposta tal-libellant ippreżentata fit-22 ta' Mejju 1989 li biha huwa eċċepixxa:

1. Preliminarjament in-nullità tal-libell billi din ma saritx in konformità ma' l-artikoli 126 *et. seq.* tal-Kodiċi tal-proċedura (Kap. 12 Ed Riv 1984) billi l-libell ma fihx tifsira ċara u konċiża tal-fatti, il-fatti li ssemmew mhux kollha huma f'paragrafu għalihom u ma saret riferenza expressa għad-dokumenti relevanti, liema dokumenti ċertament jeżistu, ma ġewx esebiti dokumenti u ma saritx in-nota msemmija fl-artikolu 130 ta' l-imsemmija liġi;

2. Fit-tieni lok it-talbiet m'humiex ċari għaliex mhux ċar jekk il-libellant qed jillimita t-talba tiegħu prinċipalment għall-imgħax fuq is-somma allegatament mislufa jew jekk hux qed

jitlob ukoll ir-rifużjoni ta' l-ammont allegatament misluf;

3. Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-mertu l-libellat ma silifx flus mingħand il-libellant u lanqas ma ħoloq stejjer, però fi kwalunkwe każ jirriserva li jirrispondi fid-dettal jekk u meta l-libellant, f'każ li l-eċċezzjonijiet preliminari fuq imsemmija jiġu respinti, jippreċiża l-posizzjoni tiegħu u jikkonforma mad-disposizzjonijiet formali u preċiżi tal-Proċedura;

Rat ir-replika tal-libellant ipprżentata fis-6 ta' Ottubru 1989 li permezz tagħha huwa espona:

1. Illi huwa kellu okkażjoni jagħmel viżjoni tar-risposta ta' Ernest Gaffiero, ippreżentata fit-22 ta' Mejju 1989, li ma ġietx notifikata lill-esponent. *A termini* tal-liġi l-libellat kien obbligat li jinnotifika lill-esponent bir-risposta, u dana ma sarx għaliex mal-preżentata ta' l-istess risposta ma ntalbitx din in-notifika peress li lanqas sar il-ħlas rikjest għall-istess, u għalhekk dik ir-risposta hija nulla;

2. Mingħajr preġudizzju, li l-fatti esposti fil-libell huma ċar biżżejjed u jissostanzjaw ir-raġġiri u l-frodi perpetwati mil-libellat;

3. Illi d-dokumenti, li kopja tagħhom qegħda tiġi hawn eżibita, jissostanzjaw abbundantement l-operat frawdolenti tal-libellat;

(a) il-leballat ta riċevuta lill-esponenti bid-data tad-19 ta' Ġunju 1987 li biha rrikonoxxa li rċeva b'self is-somma ta'

Lm42,000.00,0 (Dok. A);

(b) il-libellat ikkonsenja lill-esponent ittra bid-data tat-22 ta' Ġunju 1987 li tirrikonoxxi li ċertu ''J.Lee'', persuna fittizja u nventata mil-libellat kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-libell (Dok. B) kellu jkun ir-riċevitur tas-somma ta' liri sterlini 70,000 mingħand il-libellat, tas-somma li l-istess libellat kien irċeva b'self mill-esponent, u ikkonsenjalu wkoll riċevuta formali għall-istess somma bid-data tat-22 ta' Ġunju 1987 (Dok. C);

(ċ) ittra min-*National Westminister Bank* bid-data tal-25 ta' Lulju 1989 komporanti li s-somma ta' Sterlini £70,000 sborsati mill-kont bankarju ta' l-esponent ġew rimessi u effettivament riċevuti mil-libellat (Dok. D);

(d) rapport minn *debt securities services* bid-data tat-28 ta' Marzu 1989 komporanti abbondentement l-invenzjonijiet, il-fatti foloz, ir-raġġiri magħmula mil-libellat biex iddefrawda lill-esponent (Dok. E);

4. Illi t-talba ta' l-esponent tikkonsisti fid-danni kollha li huwa sofra bħala konsegwenza ta' l-operat frawdolenti tal-libellant konsegwenzjali għas-self li sarlu;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u senjatament il-verbal tas-7 ta' Frar, 1990 li bih il-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċiżjoni tan-nullità tar-risposta, sollevata mil-libellant;

Ittrattat:

Ikkunsidrat:

Il-libellant qed isostni li r-risposta tal-libellat hija nulla peress li din ma ġietx notifikata lil-libellant u li a tenur tal-liġi l-libellat kien obbligat li jinnotifika lill-esponent bir-risposta, u dan ma sarx għaliex mal-preżentata ta' l-istess risposta ma ntalbitx din in-notifika peress li lanqas sar il-ħlas rikjest għall-istess u għalhekk ir-risposta hija nulla;

Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet minnu ppreżentata, il-libellant espona li l-artikolu 137 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jesiġi li r-risposta tal-libellat tiġi nnotifikata lill-kontro-parti u biex din in-notifika tista' ssir, jeħtieġ li mal-preżentata tar-risposta fir-Reġistru tal-Qorti tiġi mħallas kontemporanjament in-notifika lill-kontro-parti. Dan l-istess artikolu jippreskrivi *"ad validitatem"* perijodu li fih il-libellant, jekk ikun irid jippreżenta r-replika tiegħu. L-artikolu 137 jippreskrivi s-sanzjonijiet fil-każ li l-perijodi għar-risposta u għar-replika jiskadu. Mingħajr notifika tar-risposta, il-libellant m'għandux terminu biex jippreżenta r-replika. Jekk notifika tar-risposta lil-libellant ma saritx *"ab initio"* għaliex m'għandhiex ir-rekwiżiti biex in-notifika ssir, dik ir-risposta hija nulla u l-libellant huwa kontumaċi fil-proċeduri u l-libellant issottometta li a bażi ta' l-artikolu 140 tal-Kap. 12 din il-Qorti għandha tordna l-isfilz tar-risposta;

Il-libellat qed jissottometti li waqt li huwa minnu *illi* l-*liġi* espressament tgħid illi r-risposta għandha tiġi nnotifikata lil-libellant, però imkien mil-liġi ma joħroġ illi jekk ma jsirx hekk ir-risposta hija nulla. Il-ħlas tan-notifika ma hiex waħda mill-elementi msemmija espressament fl-artikolu 128 tal-Kap. 12 u

lanqas ma taqa' taħt l-artikoli 98 sa 124. Illi l-aktar li jista' jingħad illi f'dan il-każ iż-żmien għar-replika ma jibdiex jgħaddi qabel ma ssir in-notifika – fil-każ in kwistjoni, qabel ma l-libellant ma jagħti ruħu notifikat espressament jew impliċitament (billi jippreżenta r-replika);

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

L-ewwel m'għandu jiġi eżaminat huwa jekk in-nuqqas ta' ħlas tan-notifika tar-risposta jwassalx għan-nullità tar-risposta b'dikjarazzjoni espressa tal-liġi. Minn eżami tad-dispożizzjonijiet ċitati mil-libellant ma jirriżultax li l-liġi espressament tiddikjara tali nullità;

L-anqas fil-fehma tal-Qorti ma jista' jingħad li r-risposta hija nulla a tenur tal-paragrafu (d) fuq ċitat peress li n-notifika ma tistax tiġi kkonsidrata bħala partikolarità essenzjali għar-risposta għaliex risposta tista' tkun perfettament valida u għal raġunijiet inidipendenti mill-volontà tal-libellat ma tiġix notifikata lil-libellant għax, per eżempju, ikun biddel l-indirizz tiegħu jew ikun imsiefer fid-data tan-notifika, u għal diversi kontinġenzi oħra;

Illi jrid ukoll jiġi eżaminat jekk in-nuqqas ta' notifika taqax taħt id-dispost tal-paragarfu (ċ) fuq ċitat, jiġifieri jekk in-nuqqas ta' notifika ġibitx lil-libellant preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

Ta' min jirrileva li, waqt li t-terminu għar-replika jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-risposta, m'hemmx terminu stipulat biex fih issir in-notifika tar-risposta, u l-liġi lanqas ma tikkontempla xi sanzjoni espressa għan-nuqqas tan-notifika tar-risposta;

Allura d-domanda li trid twieġiba hija jekk il-libellant ġiex ippreġudikat b'mod li tali preġudizzju jista jiġi biss rimedjat bl-annullament tar-risposta;

It-tweġiba għal din id-domanda fil-fehma tal-Qorti hija negattiva peress li l-libellant fil-fatt sab hu stess ir-rimedju billi ppreżenta r-replika u dan seta' jagħmlu validament għax ma hemm xejn x'jimpedih proċeduralment milli jagħmel dan qabel jiġi nnotifikat, u jekk ried, seta' anke jagħti ruħu b'notifikat, għal kull *buon fini,* qabel jippreżenta r-replika, għalkemm dan lanqas jidher li hu neċessarju;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tirrespinġi bħala nfondata l-eċċezzjoni tal-libellant li r-risposta tal-libellat hija nulla u li għandha tiġi sfilzata, bl-ispejjeż kontra l-libellant;

Il-kawża hija differita għall-kontinwazzjoni għall-24 ta' April, 1990 fid-9.00 a.m.